Nru./No. 20,892
Prezz/Price
€5.58

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022
Friday, 15th July, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,665 - 10,676
Government Notices ..... *10,665 - 10,676*

Avviżi tal-Pulizija ..... 10,676 - 10,683
Police Notices ..... *10,676 - 10,683*

Avviżi lill-Baħħara ..... 10,684 - 10,686
Notices to Mariners ..... *10,684 - 10,686*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 10,687 - 10,760
Employment Opportunities ..... *10,687 - 10,760*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,761 - 10,769
Notices ..... *10,761 - 10,769*

Offerti ..... 10,769 - 10,777
Tenders ..... *10,769 - 10,777*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,777 - 10,784
Court Notices ..... *10,777 - 10,784*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 857

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Bord għall-Pariri fuq Biedja Organika

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Artikolu 6 (1) tal-leġiżazzjoni sussidjarja 427.93 tar-Regolamenti dwar il-Produzzjoni Organika u l-Ittikkettar ta' Prodotti Organiċi, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ħatar il-membri tal-Bord għall-Pariri fuq Biedja Organika kif ġej b'seħħ mit-12 ta' Lulju, 2022:

Chairperson
Is-Sur Saviour Debono Grech

Membri
Is-Sa Maria Mifsud
Is-Sur Kriss Debono
Is-Sur George Cutajar
Is-Sa Mary Finger
Is-Sa Gloria-Anna Camilleri
Is-Sur Mario Salerno

It-12 ta' Lulju, 2022

Nru. 858

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Bord tar-Regolamentazzjoni tal-Inbid

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont Kap. 436 tal-Att dwar l-Inbid, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ħatar il-membri tal-Bord tar-Regolamentazzjoni tal-Inbid kif ġej b'seħħ mit-12 ta' Lulju, 2022:

Chairperson
Is-Sur Saviour Debono Grech

Membri
Is-Sur Darren Borg
Is-Sur Karl Chetcuti

GOVERNMENT NOTICES

No. 857

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Organic Farming Advisory Board

IT is hereby notified for general information that in terms of Article 6 (1) of the subsidiary legislation 427.93 of the Organic Production and Labelling of Organic Products Regulations, the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights has appointed the members of the Organic Farming Advisory Board as follows with effect from 12th July, 2022:

Chairperson
Mr Saviour Debono Grech

Members
Ms Maria Mifsud
Mr Kriss Debono
Mr George Cutajar
Ms Mary Finger
Ms Gloria-Anna Camilleri
Mr Mario Salerno

12th July, 2022

No. 858

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Wine Regulation Board

IT is hereby notified for general information that in terms of Cap. 436 of the Wine Act, the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights has appointed the members of the Wine Regulation Board as follows with effect from 12th July, 2022:

Chairperson
Mr Saviour Debono Grech

Members
Mr Darren Borg
Mr Karl Chetcuti

Is-Sa Josephine Bartolo
Is-Sur Jeremy Cassar
Is-Sur Vincent George Delicata
Is-Sur Saviour Azzopardi
Is-Sa Maria Spiteri
Is-Sur Gordon Grech

It-12 ta' Lulju 2022

Nru. 859

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Bord dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont il-L.S. 447.04 Regolamenti dwar Bord dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi, il-Bord ġie kostitwit kif ġej b'seħħ mit-12 ta' Lulju, 2022:

Chairperson
Is-Sur Francis Galea

Membri
Is-Sur Joseph Dingli
Is-Sur Ronald Parnis
Is-Sur Mark Grech
Is-Sur Manwel Farrugia

It-12 ta' Lulju, 2022

Nru. 860

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Att Dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437)

Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kuħadd illi għall-finijiet tal-Artikolu 39 (a) tal-Att dwar il-Kirurgi Veterinarji, il-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji għandu jkun kostitwit kif ġej. Il-ħatriet huma b'effett mit-12 ta' Lulju, 2022 għall-perjodu ta' tliet snin.

Chairperson
Dr Natalino de Brincat DVM

Membri
Dr Paul J. Portelli DVM
Dr Alex Scerri Herrera DVM
Sur Jurgen Galea
Dr Teresa Mo Yee Gatt DVM

Ms Josephine Bartolo
Mr Jeremy Cassar
Mr Vincent George Delicata
Mr Saviour Azzopardi
Ms Maria Spiteri
Mr Gordon Grech

12th July, 2022

No. 859

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Producer Organisations Board

IT is hereby notified for general information that in terms of S.L. 447.04 Producer Organisations Board Regulations, the Board has been constituted as follows with effect from 12th July, 2022:

Chairperson
Mr Francis Galea

Members
Mr Joseph Dingli
Mr Ronald Parnis
Mr Mark Grech
Mr Manwel Farrugia

12th July, 2022

No. 860

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Veterinary Services Act (Cap. 437)

Veterinary Surgeons Council

It is hereby notified for general information that for the purposes of Article 39 (a) of the Veterinary Surgeons Act, the Veterinary Surgeons Council shall be constituted as follows. The appointments are with effect from 12th July, 2022 for a period of three years.

Chairperson
Dr Natalino de Brincat DVM

Members
Dr Paul J. Portelli
Dr Alex Scerri Herrera DVM
Mr Jurgen Galea
Dr Teresa Mo Yee Gatt DVM

Dr Trevor Zammit DVM
Dr Anthony Gruppetta DVM
Dr Daniel Cauchi DVM

It-12 ta' Lulju, 2022

Nru. 861

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet

Bord għas-Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Artikolu 6 tal-leġiżazzjoni sussidjarja 117.30 tar-Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ħatar il-membri tal-Bord għas-Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet kif ġej b'seħħ mit-12 ta' Lulju, 2022:

Chairperson
Is-Sur James Gauci

Membri
Is-Sur Franklin Buhagiar
Is-Sa Yana Debono Grech
Dr Sergio Fiore DVM
Is-Sa Leeanne Grech

It-12 ta' Lulju, 2022

Nru. 862

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Ħatra tal- Bord għall-Bennejja

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 96 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10) Taqsima V, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ħatar il-Bord għall-Bennejja kif imsemmi hawn taħt.

Dawn il-ħatriet huma effettivi mill-4 ta' Lulju, 2022 għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Chairperson
Il-Perit Godwin Agius

Membri
Il-Perit Karl Cutajar
Is-Sur Christian Abela

Dr Trevor Zammit DVM
Dr Anthony Gruppetta DVM
Dr Daniel Cauchi DVM

12th July, 2022

No. 861

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Farm Advisory Services Regulations, 2010

Farm Advisory Services Board

IT is hereby notified for general information that in terms of Article 6 of the subsidiary legislation 117.30 of the Farm Advisory Services Regulations, the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights has appointed the members of the Farm Advisory Services Board as follows with effect from 12th July, 2022:

Chairperson
Mr James Gauci

Members
Mr Franklin Buhagiar
Ms Yana Debono Grech
Dr Sergio Fiore DVM
Ms Leeanne Grech

12th July 2022

No. 862

CODE OF POLICE LAWS (CAP. 10)

Appointment of the Masons Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 96 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) Part V, the Minister for Public Works and Planning has appointed the Masons Board as listed below.

These appointments are effective from the 4th July, 2022 for a period of three (3) years.

Chairperson
Perit Godwin Agius

Members
Perit Karl Cutajar
Mr Christian Abela

Is-Sur Saviour Camilleri
Is-Sur Stephen Marston
Id-Dott. Colin Deguara
Is-Sur Guido Vella
Is-Sur Mario Cassar
Is-Sur Manuel Pisani
Is-Sur Raymond Tabone
Is-Sur Victor Camilleri

Segretarja
Is-Sa Theresa Xuereb

L-4 ta' Lulju, 2022

Mr Saviour Camilleri
Mr Stephen Marston
Dr Colin Deguara
Mr Guido Vella
Mr Mario Cassar
Mr Manuel Pisani
Mr Raymond Tabone
Mr Victor Camilleri

Secretary
Ms Theresa Xuereb

4th July, 2022

Nru. 863

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOTERAPIJA (KAP. 587)

Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta, (Kap. 587), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d- Drittijiet tat-Tfal ikkonferma l-ħatra tal-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija f'Malta, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Charles Cassar

Viċi-Chairperson
Dr Alexia Farrugia Zrinzo

Membri
Prof. Angela Abela
Dr Charles Azzopardi
Is-Sa Karen Bishop
Is-Sa Elena Borg
Is-Sa Katya Caruana
Is-Sa Mikela Gonzi
Is-Sa Lisa Sultana

Segretarja
Is-Sa Mary Grace Gauci

Dawn il-ħatriet jibqgħu validi sas-16 ta' Settembru, 2024.

Il-15 ta' Lulju, 2022

No. 863

PSYCHOTHERAPY PROFESSION ACT, (CAP. 587)

Board for the Psychotherapy Profession in Malta

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychotherapy Profession Act, (Cap. 587), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has confirmed the appointment of the Board for the Psychotherapy Profession in Malta as follows:

Chairperson
Mr Charles Cassar

Vice-Chairperson
Dr Alexia Farrugia Zrinzo

Members
Prof. Angela Abela
Dr Charles Azzopardi
Ms Karen Bishop
Ms Elena Borg
Ms Katya Caruana
Ms Mikela Gonzi
Ms Lisa Sultana

Secretary
Ms Mary Grace Gauci

These appointments shall remain valid until 16th September, 2024.

15th July, 2022

Nru. 864

FONDAZZJONI GĦALL-AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI

Ħatra tal-Kunsill ta' Amministraturi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Istatut li jirregola l-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli approva l-ħatra tal-Kunsill ta' Amministraturi kif ġej:

Chairperson
Dott Stefan Cutajar

Membri
Dott Frank Psaila
Is-Sur Dominic Sciberras

Dawn il-ħatriet jibqgħu validi sat-13 ta' Jannar, 2024.

Il-15 ta' Lulju, 2022

No. 864

FOUNDATION FOR AFFORDABLE HOUSING

Appointment of the Council of Administrators

IT is notified for general information that in accordance with the Statute of the Foundation for Affordable Housing, the Minister for Social and Affordable Accommodation has approved the appointment of the Council of Administrators, as follows:

Chairperson
Dr Stefan Cutajar

Members
Dr Frank Psaila
Mr Dominic Sciberras

These appointments shall remain valid until 13th January, 2024.

15th July, 2022

Nru. 865

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali hawn taħt għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

Logutenent Mario Vella	8 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Andrea Galea	8 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Gilbert Farrugia	8 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Jeremy Mangion	8 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Andrè Frendo	8 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Shaun Ciantar	22 ta' Ġunju, 2022
Logutenent Manwel Borg	30 ta' Ġunju, 2022

Il-15 ta' Lulju, 2022

No. 865

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has beem pleaased to approve the promotion of the under mentioned Officers to the rank of Captain with effect from the date as shown against their names.

Lieutenant Mario Vella	8th June 2022
Lieutenant Andrea Galea	8th June, 2022
Lieutenant Gilbert Farrugia	8th June, 2022
Lieutenant Jeremy Mangion	8th June, 2022
Lieutenant Andrè Frendo	8th June, 2022
Lieutenant Shaun Ciantar	22nd June, 2022
Lieutenant Manwel Borg	30th June, 2022

15th July, 2022

Nru. 866

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

No. 866

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr. Anthony Hili bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Enzo Refalo personalment kif ukoll bħala Nutar konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Antonio Galea, Dr Ino Mario Grech u Dr. Michael Refalo għal perjodu ta' Awwissu, Settembru u Ottubru, 2022.

Illum, it-13 ta' Lulju, 2022.

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr. Anthony Hili to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Enzo Refalo personally and in his position as a delegate and keeper of the act of Notaries Dr Antonio Galea, Dr Ino Mario Grech and Dr Michael Refalo for the period of August, September and October, 2022.

Today, the 13th July, 2022.

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 867

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rapport Numru: 244/2022

B'digriet tagħha tat-13 ta' Lulju, 2022, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat li l-inabilitazzjoni parzjali ordnata kontra n-Nutar Dr Clarissa Cuschieri b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2022, jieqaf b'effett immedjat peress li l-istess Nutar illum ottemperat ruħha mal-liġi u mal-ordni tal-Qorti.

DR. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT), LLB (HONS) (MELIT), M ADV (MELIT).
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 13 ta' Lulju, 2022

No. 867

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Report Number: 244/2022

By its decree of the 13th July, 2022, the Court of Revision of Notarial Acts ordered that the partial incapacitation ordered against Notary Dr Clarissa Cuschieri by the decree of 6th May, 2022, ceases with immediate effect as the same Notary today complied with the law and the order of the Court.

DR. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT), LLB (HONS) (MELIT), M ADV (MELIT).
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Today, 13th July, 2022

Nru. 868

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/ REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 868

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CIVIL COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Franklin Calleja	Direttur/Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali *Director/Registrar Civil Courts and Tribunals*	Qorti tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	13.07.2022 - 20.07.2022

Il-15 ta' Lulju, 2022

15th July, 2022

Nru. 869

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI SERVIZZI GĦAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 869

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Walter Busuttil	Aġent Direttur Ġenerali Servizzi għas-Saħħa *Acting Director General Healthcare Services*	Saħħa *Health*	15.7.2022-18.07.2022 u 20.7.2022-24.07.2022

Il-15 ta' Lulju, 2022

15th July, 2022

Nru. 870

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar l-isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46 Triq Il-Merkanti, Il-Belt Valletta sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom

No. 870

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46 Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Agius Joseph	486569M	IV 147534
Livingston Suzanna Maria	394192M	IV 152005
Abela Moira	462868M	IV 152591
Abela Moira	462868M	IV 152593
Spiteri Anthony	18571M	IV 152118
Spiteri Anthony	18571M	IV 152129
Condorelli Natasha Anh	362598M	IV 150811
Mercieca Alessandro	85363M	IV 150620
Vassallo Jonathan	470784M	IV 152667
Zammit Antonia	277952M	IV 152608
Coleiro Charlon	243787M	IV 152669
Zammit Kane	250386M	IV 152670
Piccinino Josianne	425702L	IV 149743
Wood Maria	890694825	IV 150615
Cutajar Marie Louise	888327218	IV 150613

Il-15 ta' Lulju, 2022

15th July, 2022

Nru. 871

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL
DIPARTIMENT TAL-KUNTRATT

Regolamenti tal-2022 dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' Ċerti Dispożizzjonijiet li Jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku

Nota ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2022 dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku ("ir-regolamenti")
Attività li għandha tiġi regolata	Kuntratti Publiċi li għadhom fis-seħħ u li gew ffirmati fl-24 ta' Frar 2022 jew qabel
Entità li ppreparat il-leġiżlazzjoni	Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

Id-Dipartiment tal-Kuntratti huwa konxju ta' livelli ta' riskju anormali li għaddejjin bħalissa fis-swieq internazzjonali fuq prezzijiet speċifiċi li ġejjin prinċipalment mill-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Permezz ta' dan l-Avviż Legali qiegħda tittieħed azzjoni konkreta sabiex tindirizza tali riskji anormali u tagħti sapport lil kuntratturi pubbliċi fil-mitigazzjoni ta' dawn ir-riskji permezz ta' għotja potenzjali ta' kumpens finanzjarju mmirat.

2. Sommarju u tagħrif ġenerali

Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jippermettu lid-Direttur tal-Kuntratti sabiex jikkunsidra talbiet għal kumpens minħabba żidiet anormali fl-ispejjeż involuti għal kuntatti pubbliċi li ġew iffirmati fi jew qabel l-24 ta' Frar 2022.

Permezz ta' dawn ir-regolamenti, id-Dipartiment tal-Kuntratti qiegħed joħloq il-bażi legali neċessarja sabiex ikun fl-aħjar pożizzjoni possibbli sabiex jagħti sapport fi kwalunkwe żieda kkaġunata minn xi kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna fl-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-kuntratt.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura ta' l-istrument

Dan l-Avviż Legali jikkonsisti f'seba' (7) regolamenti ġodda.

No. 871

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT
DEPARTMENT OF CONTRACTS

Temporary Suspension of Certain Provisions Relating to Public Procurement Regulations, 2022

Explanatory Note

1. Introduction

Title of the Regulations	Temporary Suspension of certain provisions relating to Public Procurement Regulations, 2022 ("the regulations")
Activity to be regulated	Ongoing Public Contracts signed on, or before, the 24th February 2022
Entity that prepared the legislation	Department of Contracts within the Ministry for Finance and Employment

The Department of Contracts is aware of the current ongoing international price related abnormal risk levels stemming mainly from the Russia-Ukraine conflict. Through this Legal Notice concrete action is being taken in order to address such abnormal risks and support public contractors in their risk mitigation through the potential issue of targeted financial compensations.

2. Summary and background

These regulations aim at allowing the Director of Contracts to consider requests for compensation stemming from abnormal increases in contract expenses for public contracts signed on or before the 24th February 2022.

Through these regulations, the Department of Contracts is creating the necessary legal basis to be in the best possible position to support public contractors in any Russia-Ukraine conflict induced increase in contract implementation expenses.

3. Overview of the structure of the instrument

The Legal Notice consists of seven (7) new regulations.

4. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Regolament 1 jikkonsisti mit-titolu ta' dawn ir-regolamenti.

Regolament 2 jipprovdi għas-sospensjoni tal-artikolu 259 ta' L.S. 601.03 u tal-artikolu 179 ta' L.S. 601.05. Din is-sospensjoni hija parti minn inizjattiva sabiex tippermetti lid-Direttur tal-Kuntratti japprova kumpens fid-dawl taż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali minħabba l-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna.

Regolament 3 jeħtieġ li t-talbiet kollha għal kumpens (li ġejjin minn kuntratturi pubbliċi) iridu jiġu sottomessi lil Awtorità Kontraenti rilevanti, li wara tgħaddiha lid-Dipartiment tal-Kuntratti għal kunsiderazzjoni neċessarja. Aktar minn hekk, dan ir-regolament jispeċifika l-bżonnijiet li kull talba għal kumpens irid ikollha sabiex tiġi kkunsiderata. Is-subregolament (2) jipprovdi għal ħruġ ta' kwalunkwe dokument ta' politika li d-Direttur tal-Kuntratti jista' joħroġ għar-regolazzjoni u l-amministrazzjoni aħjar ta' din l-inizjattiva.

Regolament 4 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali speċifikament għall-fatt li l-ebda talba għal kumpens ma tista' tintlaqgħa jekk tkun tirrelata ma' provvisti, xogħlijiet jew servizzi li saru jew ingħataw qabel l-24 ta' Frar 2022. B'żieda ma' dan t'hawn qabel, l-istess regolament jelenka r-rekwiżiti imposti mill-awtoritajiet kontraenti, li għandhom jiġu sodisfatti, qabel ma tibgħat kwalunkwe talba għal kumpens lil awtorità kompetenti.

Regolamenti 5 u 6 jispjegaw il-ħsieb wara din l-inizjattiva għal kumpens fejn ukoll juru kondizzjonijiet amministrattivi li jridu jiġu segwiti.

Regolament 7 jikkonsisti minn klawsola ta' estinzjoni li tistabbilixxi l-validità ta' dawn ir-regolamenti għal perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmija regolamenti.

5. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti huma intiżi sabiex jagħtu sapport lil kuntratturi pubbliċi fl-istadju ta' implimentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi filwaqt li jiżguraw li jkun hemm il-kontrolli neċessarji sabiex jipprovdu dan is-sapport biss biss meta u fejn applikabli u dovut.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-15 ta' Lulju, 2022

4. Commentary on parts and articles

Regulation 1 consists of the title of these regulations.

Regulation 2 provides for the suspension of article 259 of S.L. 601.03 and of article 179 of S.L. 601.05. Such suspension is part of a wider initiative to allow the Director of Contracts to approve compensation/s in view of abnormal international market prices increase due to the Russia-Ukraine conflict.

Regulation 3 requires that all requests for compensation (originating from public contractors) are to be submitted to the relative contracting authority which will in turn forward the said request to the Department of Contracts for its consideration. Furthermore, this regulation specifies the requirements that any request made must satisfy so as to be considered for approval. Sub-regulation (2) provides for any related policy document that the Director of Contracts can issue for the proper regulation and administration of this initiative.

Regulation 4 lays down additional requirements specific to the fact that no claim shall be entertained for works, services, and supplies rendered or delivered before the 24th February 2022 . In addition to the aforesaid, this same regulation lists the requirements imposed on contracting authorities, which must be satisfied, prior to forwarding any request for compensation to the competent authority.

Regulations 5 and 6 explain the contractual and regulatory rationale of this compensation initiative whilst also providing for administrative stipulations that need to be followed.

Regulation 7 contains a sunset clause which sets the validity of these regulations for a period of six (6) months from date of publication of said regulations.

5. Concluding Section

These regulations are intended to support public contractors in the implementation stage of public contracts whilst ensuring that the proper controls are in place to provide this support only when and where applicable and due.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

15th July, 2022

Nru. 872

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 872

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni ghall-liċenza bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Melanie Muscat	507274 (M)	20, Il-Girna, Triq Gio. Felice Inglott, Pembroke.
Christopher Kokavessis	312769 (M)	Blk Ricasoli 5, Triq Santu Rokku, il-Kalkara.
Jonathan Camilleri	388386 (M)	80 Monreve Flat 2, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara.
Ilham Todorovic	229169 (A)	20, Primerose Crt, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar.
James Portelli	467894 (M)	211, Triq Santa Duminka, Ħaż-Żabbar.
Soraya Sammut	489876 (M)	39 John B, Triq San Ġakbu, is-Siġġiewi.
Klesia Marie Gatt	323585 (M)	76, Triq Santa Margerita, Bormla.
Islam Ali Mahmoud Abdelaal	273925 (A)	14, Marcarm, Triq Sant'Antnin, il-Fgura.
Neil Aquilina	258892 (M)	43 Vilhena Apts Flat 19, Triq l-Imħażen, il-Furjana.
Lawrence Carabott	330861 (M)	2, Stella Flat 1, Triq San Pietru, il-Fgura.
Rakesh Thalla	280582 (A)	Spring Flats Flat 5, Triq Ħal Tartarni, ir-Rabat.
Sudhir Nagappan Nair	282780 (A)	23 Qawra crt Flat 1, Triq l-Iskuna, San Pawl il-Baħar.
Bilal Ahmed	273435 (A)	Aphrodite Crt Flat 11, Triq J.Quintinus, San Pawl il-Baħar.
John Sultana	10769 (G)	Sultana Chalet, Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex.
Salman Aslam	299248 (A)	75, Triq Santa Margerita, San Ġwann.
Ashbin Kumar Gurung	304803 (A)	20 Lija Res Flat 5, Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija.
Rakesh Gudi	231201 (A)	Le Mirage Flat 2, Triq San Piju V, ir-Rabat.
Ronald Borg	771652 (M)	146 Ronrit, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera.
Ruben Cuschieri	324800 (L)	68, Triq l-Imsida, Birkirkara.
Shirley Attard	333698 (M)	20, Dar Tghanniqa T Omm, Triq il-Papa Giovanni XXIII, il-Mosta.
Leon Mangion	367803 (L)	151 Flat 4, Triq San Martin, iż-Żurrieq.
Doris Borg	228573 (M)	Bieb A Flat 2, Triq Sant'Orsla, il-Belt Valletta.
Cody Gale Grech	112587 (M)	6, Flat 4, Triq San Nikola, il-Belt Valletta.
Marika Borg	317177 (M)	Bini tal-Gern Blk 2, Flat 3, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.
Roderick Cauchi	189379 (M)	Blk A2, Flat 6, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke.
Samira Fenech	366321 (L)	Ghajn Kajjet Blk A Flat 4, Misraħ il-Feniċi, ir-Rabat.

Charlene Piccione	163183 (M)	80, Maria Pia Flat 2, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar.
Silvio Saliba	545082 (M)	Blue Eyes Flat 2, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi.
Wendy Cassar	111096 (M)	115 Fauna, Triq Karmelo Ritchie, ix-Xgħajra.
Joseph Bajada	308148 (M)	Sultana, Flat 2, Triq K.Darmanin, Tal-Pietà.

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-15 ta' Lulju, 2022

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

15th July, 2022

Nru. 873

REGOLAMENTI TAL-ĦADDIEMA TAL-PORT (L.S. 171.02)

Numru ta' Ħaddiema tal-Port

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port, (L.S. 171.02), il-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port stabbilixxa illi n-numru ta' ħaddiema tal-port irreġistrati għandu jkun erba' mija (400) mill-14 ta' Lulju, 2022.

Il-15 ta' Lulju, 2022

No. 873

PORT WORKERS REGULATIONS (S.L. 171.02)

Complement of Port Workers

IT is hereby notified for general information that in terms of Regulation 12 of the Port Workers Regulations (S.L. 171.02), the Port Workers Board has established that the complement of registered port workers shall be four hundred (400) as from the 14th July, 2022.

15th July, 2022

Nru. 874

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
15.7.2022	€55.238	€0.607

Il-15 ta' Lulju, 2022

No. 874

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

15th July, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 120

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022 mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Pjazza Paolino Vassallo u Triq il-Pelegrinaġġ.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Birgu

Nhar it-Tlieta, 19 ta' Lulju, 2022 mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq Sir Paul Boffa u Triq il-Mina l-Kbira.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Furjana

Minn nhar it-Tlieta, 19 ta' Lulju, 2022 mis-6.00 a.m. sat-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2022 minn Triq Sant'Anna kollha iż-żewġ naħat, il-Foss ta' Notre Dame kollu, Hornsworks

POLICE NOTICE

No. 120

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Friday, 15th July, 2022 from 3.00 p.m. till 11.00 p.m. through Pjazza Paolino Vassallo and Triq il-Pelegrinaġġ.

Public transport may also be effected.

Vittoriosa

On Tuesday, 19th July, 2022 from 3.00 p.m. till 11.00 p.m. through Triq Sir Paul Boffa and Triq il-Mina l-Kbira.

Public transport may also be effected.

Floriana

From Tuesday, 19th July, 2022 from 6.00 a.m. till 3.00 a.m. of Wednesday, 20th July, 2022 through all Triq Sant'Anna both sides, all Notre Dame ditch, all Hornsworks Ditch, Triq

Ditch kollu, Triq Ġilormu Cassar minn ħdejn il-Monument tal-Gwerra sa Pjazza Kastilja, it-Telgħa tal-Kurċifiss kollha, Triq Vilhena minn Triq San Franġisk sa Triq il-Kapuċċini, Triq San Franġisk minn Triq J.Lopez sa Pjazza Robert Sammut, Triq il-Miratur minn Triq Sant'Anna sa Triq San Franġisk, Pjazza Robert Sammut kollha, Triq San Tumas minn Triq Sant'Anna sa Triq San Franġisk u Triq l-Assedju il-Kbir minn Triq il-Mall sal-Monument tal-Gwerra.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

San Lawrenz

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Lawrenz.

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Lawrenz.

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Lawrenz

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Lawrenz

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza San Lawrenz

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Ciangura, Triq id-Duluri, Triq San Lawrenz u Pjazza San Lawrenz

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 minn Triq Ciangura, Triq id-Duluri u Pjazza San Lawrenz.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 1 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Lawrenz.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 1 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Lawrenz, Trejqet l-10 ta' Awwissu, Triq il-Wileġ, Triq Ciangura u Triq id-Duluri.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Qala

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022 mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur u Triq San Ġużepp (madwar il-pjazza).

Ġilormu Cassar from near War Memorial till Pjazza Kastilja, all Crucifix hill, Triq Vilhena from Triq San Franġisk till Triq il-Kapuċċini, Triq San Franġisk from Triq J.Lopez till Pjazza Robert Sammut, Triq il-Miratur from Triq Sant'Anna till Triq San Franġisk, all Pjazza Robert Sammut, Triq San Tumas from Triq Sant'Anna till Triq San Franġisk and Triq l-Assedju il-Kbir from Triq il-Mall till War Memorial.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be effected.

Road closure will be done as required.

San Lawrenz

On Sunday, 24th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Pjazza San Lawrenz.

On Monday, 25th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Pjazza San Lawrenz.

On Tuesday 26th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Pjazza San Lawrenz

On Wednesday 27th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Pjazza San Lawrenz

On Thursday 28th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Pjazza San Lawrenz

On Friday, 29th July, 2022 from 4.00 p.m. till midnight through Triq Ciangura, Triq id-Duluri, Triq San Lawrenz and Pjazza San Lawrenz

On Saturday 30th July, 2022 from 4.00 p.m. till 1.00 a.m. of Sunday, 31st July, 2022 through Triq Ciangura, Triq id-Duluri and Pjazza San Lawrenz.

On Sunday, 31st July, 2022 from 4.00 p.m. till 1.00 a.m. of Monday, 1st August, 2022 through Pjazza San Lawrenz.

On Sunday, 31st July, 2022 from 5.00 p.m. till 1.00 a.m. of Monday, 1st August, 2022 through Pjazza San Lawrenz, Trejqet l-10 ta' Awwissu, Triq il-Wileġ, Triq Ciangura and Triq id-Duluri.

Public transport may also be affected.

Qala

On Wednesday, 27th July, 2022 from 6.00 p.m. till 11.00 p.m. through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur and Triq San Ġużepp (around main square).

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 mit-3.30 p.m. sat-8.00 p.m. minn Triq it-Tempju,Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp u Pjazza San Ġużepp.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 mit-3.30 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 mit-8.15 a.m. sas-1.00 p.m. minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq San Ġużepp, Triq D. Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg u Triq 28 ta'April 1688.

Nhar it-Tnejn, 1 ta' Awwissu, 2022 mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022 mis-7.00 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022 mit-8.00 a.m. sas-1.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022 mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022 minn Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq Baldassare Cagliares, Triq it 30 ta' Ottubru, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Triq it 28 ta' April 1688 u Pjazza Isqof Buttigieg.

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022 mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it 28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022 mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq it-Tempju, Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq l-Independenza u Triq Strickland.

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022 mis-7.30 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022 minn Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq 28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022 mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m. minn Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr , Pjazza Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022 mill-5.30 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022 minn Pjazza San Ġużepp, Triq il-Wardija, Triq il-Belveder, Pjazza Isqof Buttigieg u Triq 28 ta' April 1688.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

On Saturday, 30th July, 2022 from 3.30 p.m. till 8.00 p.m. through Triq it-Tempju,Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp and Pjazza San Ġużepp.

On Saturday, 30th July, 2022 from 3.30 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 31st July, 2022 through Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 31st July, 2022 from 8.15 a.m. till 1.00 p.m. through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq San Ġużepp, Triq D. Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg and Triq 28 ta' April 1688.

On Monday, 1st August, 2022 from 6.00 p.m. till 1.00 a.m. of Tuesday, 2nd August, 2022 through Pjazza San Ġużepp.

On Tuesday, 2nd August, 2022 from 7.00 p.m. till 1.00 a.m. of Wednesday, 3rd August, 2022 through Pjazza San Ġużepp.

On Wednesday, 3rd August, 2022 from 8.00 a.m. till 1.00 a.m. of Thursday, 4th August, 2022 through Pjazza San Ġużepp.

On Thursday, 4th August, 2022 from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Friday, 5th August, 2022 through Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq Baldassare Cagliares, Triq it 30 ta' Ottubru, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Triq it 28 ta' April 1688 and Pjazza Isqof Buttigieg.

On Friday, 5th August, 2022 from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Saturday, 6th August, 2022 through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it 28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

On Saturday, 6th August, 2022 from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq it-Tempju, Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq l-Independenza and Triq Strickland.

On Saturday, 6th August, 2022 from 7.30 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 7th August, 2022 through Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq 28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 7th August, 2022 from 10.00 a.m. till 4.00 p.m. through Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr , Pjazza Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 7th August, 2022 from 5.30 p.m. till 1.00 a.m. of Monday, 8th August, 2022 through Pjazza San Ġużepp, Triq il-Wardija, Triq il-Belveder, Pjazza Isqof Buttigieg and Triq 28 ta' April 1688.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th July, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 121

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022 mit-7.45 p.m. sal-10.45 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta, Telgħet San Ġiljan, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Birkirkara, Triq il-Qalb Mqaddsa, Triq is-Sorijiet, Triq Imrabat, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Sant'Anġlu u Triq San Enriku

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema) minn Triq Sant'Elena.

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022 marċ mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Reggie Miller, Triq Mrabat, Triq il-Ballut, Triq Bonavita, Sqaq Imrabat, Triq Camenzuli, Triq Sant'Anġlu, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri u Triq Ċensu Tabone.

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022 marċ mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Alfred Gauci, Trejqet il-Bajja, Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Trejqa Sant'Injazju, Triq Scicluna, Triq Alfons Maria Galea, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Sant'Anġlu, Triq San Enriku u Triq Sant'Elena.

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022 marċ mit-8.30 p.m. san-00.30 a.m. tas-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Sant'Elena, Triq San Enriku, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri, Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta u Triq Manwel Dimech.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 purċissjoni mis-6.00 p.m. sas-6.15 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Ċensu Tabone u Triq it-Torri.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 marċ mit-8.15 p.m. sal 11.15 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Ċensu Tabone u Pjazza tal-Balluta.

Mis-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 sal-Ħadd 31 ta' Lulju, 2022 nar tal-art mis-6.00 a.m. sas-1.30 a.m. tat-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022 (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Telgħet San Ġiljan u l-Pjazza tal-Balluta.

POLICE NOTICE

No. 121

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

St Julian's

On Monday, 25th July, 2022 from 7.45 p.m. till 10.45 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta, Telgħet San Ġiljan, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Birkirkara, Triq il-Qalb Mqaddsa, Triq is-Sorijiet, Triq Imrabat, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Sant'Anġlu and Triq San Enriku

On Tuesday, 26th July, 2022 from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. (closed streets in Sliema) through Triq Sant'Elena.

On Wednesday 27th July, 2022 band march from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Reggie Miller, Triq Mrabat, Triq il-Ballut, Triq Bonavita, Sqaq Imrabat, Triq Camenzuli, Triq Sant'Anġlu, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri and Triq Ċensu Tabone.

On Thursday, 28th July, 2022 band march from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Alfred Gauci, Trejqet il-Bajja, Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Trejqa Sant'Injazju, Triq Scicluna, Triq Alfons Maria Galea, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Sant'Anġlu, Triq San Enriku and Triq Sant'Elena.

On Friday, 29th July, 2022 band march from 8.30 p.m. till 00.30 a.m. of Saturday, 30th July, 2022 (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Sant'Elena, Triq San Enriku, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri, Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta and Triq Manwel Dimech.

On Saturday, 30th July, 2022 procession from 6.00 p.m. till 6.15 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Ċensu Tabone and Triq it-Torri.

On Saturday, 30th July, 2022 band march from 8.15 p.m. till 11.15 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Ċensu Tabone and Pjazza tal-Balluta.

From Saturday, 30th July, 2022 till Sunday, 31st July, 2022 ground firewords from 6.00 a.m. till 1.30 a.m. of Monday, 1st August, 2022 (closed streets in Sliema and St Julian's) through Telgħet San Ġiljan and l-Pjazza tal-Balluta.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 marċ mill-10.30 a.m. sas-2.30 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Sant'Elena, Triq San Enriku, Triq Camenzuli, Triq Patri Marjanu Vella, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Mrabat, Triq is-Sorijiet, Triq il-Qalb Mqaddsa, Sqaq Imrabat, Triq Bonavita, Triq il-Ballu, Triq Sant'Anġlu, Triq Gafar u Triq Manwel Dimech.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 purċissjoni mis-7.00 p.m. sal-10.30 p.m. (toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan) minn Triq Ċensu Tabone, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech u Pjazza tal-Balluta.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

On Sunday, 31st July, 2022 band march from 10.30 a.m. till 2.30 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Sant'Elena, Triq San Enriku, Triq Camenzuli, Triq Patri Marjanu Vella, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq Mrabat, Triq is-Sorijiet, Triq il-Qalb Mqaddsa, Sqaq Imrabat, Triq Bonavita, Triq il-Ballu, Triq Sant'Anġlu, Triq Gafar and Triq Manwel Dimech.

On Sunday, 31st July, 2022 procession from 7.00 p.m. till 10.30 p.m. (closed streets in Sliema and St Julian's) through Triq Ċensu Tabone, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant'Elena, Triq Manwel Dimech and Pjazza tal-Balluta.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th July, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 122

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Marsaskala

Nhar is-Sibt, 23 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Knisja u Triq Wied il-Għajn (quddiem il-każin tal-banda).

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq Dun Frans Bianco, Triq il-Bajja, Triq San Luqa, Triq San Ġużepp, Triq San Nikola, Triq Santa Marija, Triq iż-Żonqor, Triq l-Għaguża, Triq La Sengle u s-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokkjali).

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mis-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokkjali).

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mis-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokjali), Triq iż-Żonqor u Triq Dun Frans Bianco.

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Knisja (quddiem il-każin tal-banda), is-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokjali), Triq Żonqor u Triq Dun Frans Bianco.

POLICE NOTICE

No. 122

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Marsaskala

On Saturday, 23rd July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through Triq il-Knisja and Triq Wied il-Għajn (in front of band club).

On Sunday, 24th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq Dun Frans Bianco, Triq il-Bajja, Triq San Luqa, Triq San Ġużepp, Triq San Nikola, Triq Santa Marija, Triq iż-Żonqor, Triq l-Għaguża, Triq La Sengle and cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall).

On Monday, 25th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall).

On Tuesday, 26th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall), Triq iż-Żonqor and Triq Dun Frans Bianco.

On Wednesday, 27th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through Triq il-Knisja (in front of the band club), cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall), Triq Żonqor and Triq Dun Frans Bianco.

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mis-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokjali), Triq Żonqor, Triq La Sengle, Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco, Triq in-Nadur, Triq Oranġo, Triq l-Għassies, Triq Patri Wistin Born, Triq is-Sliem, Triq id-Dolmen, Triq il-Majjistral, Triq il-Qaliet, Triq il-Baħħara, Triq l-Irmiġġ, Triq is-Sajjieda, Triq is-Salini, Triq il-Kappara u Triq ix-Xatt.

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mis-simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokjali), Triq Żonqor, Triq iż-Żinzell, Triq Sant'Antnin, Triq il-Btieti, Triq iċ-Ċrieki, Triq id-Dugħ, Triq Lorry Sant, Triq il-Buttar, Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis Agius u Triq Dun Frans Bianco.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Dun Frans Bianco, Pjazza Dun Tarċis Agius, is-Simenta ta' Pjazza Dun Tarċis Agius (faċċata tas-Sala Parrokjali), Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Triq ix-Xatt, Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna u Triq La Sengle.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 mill-10.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież, Triq San Ġwakkin, Triq il-Knisja, Triq San Ġorġ, Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt u Triq Dun Frans Bianco.

Bejn il-Ħadd, 24 ta' Lulju, 2022 u l-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, kull filgħaxija, it-traffiku kollu li se jgħaddi minn Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u jibqa' tiela' fid-direzzjoni għaż-Żonqor. It-trasport pubbliku ta' filgħaxija jgħaddi kollu mill-bypass ta' Marsaskala minħabba li l-marċ u l-attivitajiet se jsiru fiċ-Ċentru ta' Marsaskala, ħdejn il-knisja, Triq ix-Xatt u Triq Sant'Anna. Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarcis Agius, Triq Sant'Anna u Triq il-Knisja jkunu magħluqa l-ġurnata kollha.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 123

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

On Thursday, 28th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall), Triq Żonqor, Triq La Sengle, Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco, Triq in-Nadur, Triq Oranġo, Triq l-Għassies, Triq Patri Wistin Born, Triq is-Sliem, Triq id-Dolmen, Triq il-Majjistral, Triq il-Qaliet, Triq il-Baħħara, Triq l-Irmiġġ, Triq is-Sajjieda, Triq is-Salini, Triq il-Kappara and Triq ix-Xatt.

On Friday, 29th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish Hall), Triq Żonqor, Triq iż-Żinzell, Triq Sant'Antnin, Triq il-Btieti, Triq iċ-Ċrieki, Triq id-Dugħ, Triq Lorry Sant, Triq il-Buttar, Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis Agius and Triq Dun Frans Bianco.

On Saturday, 30th July, 2022 from 4.00 p.m. onwards through Triq Dun Frans Bianco, Pjazza Dun Tarċis Agius, cemented part of Pjazza Dun Tarċis Agius (in front of Parish hall), Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Triq ix-Xatt, Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna and Triq La Sengle.

On Sunday, 31st July, 2022 from 10.00 a.m. onwards through Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież, Triq San Ġwakkin, Triq il-Knisja, Triq San Ġorġ, Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt and Triq Dun Frans Bianco.

Between Sunday, 24th July, 2022 till Sunday, 31st July 2022, at evening time, all traffic passing from Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar will be diverted to Żonqor and evening public transport is going to be diverted all from Marsaskala bypass since all band marches and activities are going to be held at Marsaskala Centre, near church, Triq ix-Xatt and Triq Sant'Anna. On Sunday, 31st July, 2022 Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarċis Agius, Triq Sant' Anna and Triq il-Knisja are going to be closed for traffic all day.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

15th July, 2022

POLICE NOTICE

No. 123

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Il-Gżira

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju, 2022 mill-5.00 p.m. sal-11.59 p.m. minn Triq Forti Manoel, Manoel Island, il-Gżira.

San Ġiljan

Mis-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022 sal-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 nar tal-art, mis-6.00 a.m. sas-1.30 a.m. tat-Tnejn, 1 ta' Awwissu, 2022 minn Telgħet San Ġiljan u Pjazza tal-Balluta.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022 purċissjoni mill-4.00 p.m. sal-10.30 p.m. toroq magħluqa f'Tas-Sliema u San Ġiljan minn Triq Ċensu Tabone, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant' Elena, Triq Manwel Dimech u Pjazza tal-Balluta.

Ir-Rabat

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja minn nofsinhar 'il quddiem mill-parkeġġ tal-ispazju miftuħ Dylan Zahra (quddiem il-grawnd tal-futbol).

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mis-2.00 p.m. 'il quddiem, fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Parroċċa u f'Misraħ Ġużè Abela (il-pjazza ta' ħdejn il-Knisja).

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mis-6.30 a.m. sas-2.00 p.m. fi Triq il-Parroċċa (l-ewwel ħames parkeġġi fin-naħa ta' fuq tat-triq, fuq ix-xellug tal-Knisja); fi Triq Santu Rokku (l-ewwel sitt parkeġġi min-naħa ta' fuq tat-triq 'l isfel) u f'Misraħ Ġużè Abela (il-pjazza ta' ħdejn il-Knisja).

Nhar it-Tnejn, 15 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mid-9.00 a.m. sal-11.30 a.m. fi Triq il-Parroċċa (l-ewwel ħames parkeġġi fin-naħa ta' fuq tat-triq, fuq ix-xellug tal-Knisja) u f'Misraħ Ġużè Abela (il-pjazza ta' ħdejn il-Knisja).

Nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja il-ġurnata kollha fil-parkeġġ tal-ispazju miftuħ Dylan Zahra (quddiem il-grawnd tal-futbol).

Nhar il-Ħamis, 18 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mis-2.00 p.m. 'il quddiem fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mis-2.00 p.m. 'il quddiem fi Triq il-Parroċċa (l-ewwel ħames parkeġġi fin-naħa ta' fuq tat-triq, fuq ix-xellug tal-Knisja) u f'Misraħ Ġużè Abela (il-pjazza ta' ħdejn

Gżira

On Sunday, 17th July, 2022 from 5.00 p.m. till 11.59 p.m. through Triq Forti Manoel, Manoel Island, Gżira.

St. Julian's

From Saturday, 30th July, 2022 till Sunday, 31st July, 2022 ground fireworks from 6.00 a.m. till 1.30 a.m. of Monday, 1st August, 2022 through Telgħet San Ġiljan and Pjazza tal-Balluta.

On Sunday, 31st July, 2022 procession from 4.00 p.m. till 10.30 p.m. closed streets in Sliema and St. Julian's through Triq Ċensu Tabone, Triq it-Torri, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq San Enriku, Triq Sant' Elena, Triq Manwel Dimech and Pjazza tal-Balluta.

Rabat

On Friday, 5th August, 2022 no parking is allowed from noon onwards through open parking area Dylan Zahra (in front of the football ground).

On Saturday, 6th August, 2022 no parking is allowed from 2.00 p.m. onwards, through upper part of Triq il-Parroċċa and in Misraħ Ġużè Abela (square next to the church).

On Sunday, 14th August, 2022 no parking is allowed from 6.30 a.m. till 2.00 p.m. in Triq il-Parroċċa (first five parking spaces in the upper part of the street, on the left of the church); in Triq Santu Rokku (first six parking spaces from the upper part of the road heading down) and in Misraħ Ġużè Abela (the square next to the church).

On Monday, 15th August, 2022 no parking is allowed from 9.00 a.m. till 11.30 a.m. in Triq il-Parroċċa (first five parking spaces in the upper part of the street, on the left of the church) and in Misraħ Ġużè Abela (the square next to the church).

On Tuesday, 16th August, 2022 no parking is allowed all day through open parking area Dylan Zahra (in front of football ground).

On Thursday, 18th August, 2022 no parking is allowed from 2.00 p.m. onwards through upper part of Triq il-Parroċċa.

On Friday, 19th August, 2022 no parking is allowed from 2.00 p.m. onwards in Triq il-Parroċċa (first five parking spaces in the upper part of the street, on the left of the church) and in Misraħ Ġużè Abela (the square next to the

il-Knisja). Mill-4.00 p.m. 'il quddiem, jingħalaq l-aċċess għat-traffiku għal Misraħ Ġużè Abela. Mit-8.00 p.m. sa x'ħin jispiċċa l-marċ, Triq il-Parroċċa u Triq Santu Rokku jkunu magħluqa għat-traffiku.

Malta Public Transport: Mit-8.30 p.m. sal-11.00 p.m., vetturi tat-trasport pubbliku ma jkunux jistgħu jgħaddu minn dawn it-toroq minħabba l-marċ: Misraħ Suffara, Triq San Pawl tal-Pitkali, Triq Ġann Mari Abela, Triq il-Merill, Triq Ġużè Ellul Mercer u Triq il-Kbira.

Nhar is-Sibt, 20 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jipparkja mill-5.00 a.m. 'il quddiem fuq iż-żewġ naħat tat-triq fil-pjazza ta' quddiem iċ-ċimiterju fi Triq il-Maddalena.

Ħadd ma jista' jipparkja mill-4.00 p.m. 'il quddiem fi Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela u Triq Santu Rokku. Mis-6.00 p.m. 'il quddiem, Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku u Misraħ Ġużè Abela jkunu magħluqa għat-traffiku.

Malta Public Transport: Matul il-ġurnata kollha tas-Sibt, 20 ta' Awwissu, 2022 vetturi tat-trasport pubbliku ma jkunux jistgħu jdawru ħdejn iċ-ċimiterju.

Mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m., vetturi tat-trasport pubbliku ma jkunux jistgħu jgħaddu minn Triq l-Irdum u Triq il-Kbira.

Mill-11.00 p.m. sas-1.00 a.m., vetturi tat-trasport pubbliku ma jkunux jistgħu jgħaddu minn Triq il-Maddalena.

Nhar il-Ħadd, 21 ta' Awwissu, 2022 ħadd ma jista' jgħaddi mill-11.00 a.m. fi Triq il-Parroċċa (l-ewwel ħames parkeġġi fin-naħa ta' fuq tat-triq, fuq ix-xellug tal-Knisja) u f'Misraħ Ġużè Abela (il-pjazza ta' ħdejn il-Knisja).

Ħadd ma jista' jipparkja mit-3.00 p.m. 'il quddiem f'dawn it-toroq: Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira (minn kantuniera ta' Triq Santu Rokku 'l isfel sat-telgħa ta' Ħad-Dingli – 'l isfel mill-Iskola Primarja), Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer (mill-ġnien ta' ħdejn Galsons Pastizzeria san-naħa ta' isfel ta' Triq il-Kbira), Misraħ il-Mafkar u Triq Pawlu Ebejer.

Malta Public Transport: Il-Kunsill Lokali se jagħmel arranġamenti oħra biex il-vetturi kollha tat-trasport pubbliku f'jum il-festa ma jużawx ir-rotta tas-soltu u ma jgħaddux minn toroq fil-qalba tar-raħal.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

church). From 4.00 p.m. onwards, access to traffic will be closed for Misraħ Ġużè Abela. From 8.00 p.m. till the band march stops, Triq il-Parroċċa and Triq Santu Rokku will be closed for traffic.

Malta Public Transport: from 8.30 p.m. till 11.00 p.m., public transport vehicles will not be allowed to pass through the following streets due to the band march: Misraħ Suffara, Triq San Pawl tal-Pitkali, Triq Ġann Mari Abela, Triq il-Merill, Triq Ġużè Ellul Mercer and Triq il-Kbira.

On Saturday, 20th August, 2022 no parking is allowed from 5.00 a.m. onwards on both sides of the street in the square in front of the cemetary in Triq il-Maddalena.

No parking is allowed from 4.00 p.m. onwards in Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela and Triq Santu Rokku. From 6.00 p.m. onwards, Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku and Misraħ Ġużè Abela will be closed for traffic.

Malta Public Transport: On Saturday, 20th August, 2022 all day, public transport vehicles will be restricted in their ability to manoeuvre near the cemetary.

From 8.30 p.m. till 11.30 p.m., public transport vehicles will not be allowed to pass through Triq l-Irdum and Triq il-Kbira.

From 11.00 p.m. till 1.00 a.m., public transport vehicles will not be allowed to pass through Triq il-Maddalena.

On Sunday, 21st August, 2022 no parking is allowed from 11.00 a.m. in Triq il-Parroċċa (first five paking spaces in the upper part of the street, on the left of the church) and in Misraħ Ġużè Abela (the square next to the church).

No parking is allowed from 3.00 p.m. onwards in the following streets: Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira (from corner of Triq Santu Rokku downwards till Ħad-Dingli hill – downwards from Primary school), Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer (from garden near Galsons Pastizzeria downwards till the lower part of Triq il-Kbira), Misraħ il-Mafkar and Triq Pawlu Ebejer.

Malta Public Transport: During the day of the feast the Local Council will make the necessary arrangements for all public transport vehicles to utilise alternative routes rather than those involving the locality's centre.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

15th July, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 114 tal-2022

Open Water Swimming Event fil-Bajja tas-Salina – 20 ta' Lulju, 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li Birkirkara St. Joseph Sports Club se jorganizza attività ta' għawm (open water) fil-Bajja tas-Salina.

It-tellieqa se ssir tul il-korsa A, B u C (kif murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 56'.932	014° 25'.660
B	35° 57'.182	014° 25'.708
C	35° 57'.078	014° 25'.765

nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2022, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Club RHIB "S16893" u bastiment ta' salvataġġ se jkunu qed jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara huma avżati biex joqgħodu attenti ħafna u jinnavigaw b'kawtela estrema u b'veloċità baxxa (no wake) meta jkunu fil-viċinanzi, fid-data u l-ħin stipulati. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull Persunal ta' Infurzar fuq il-post.

Ċarts affettwati: BA 211B, 211A, 2537 u 2538

Il-15 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 115 tal-2022

Sailing Regatta fil-Bajja ta' Marsaxlokk - Lulju 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-Birżebbuġa Sailing Club se jorganizza Regattas għad-dinghies nhar is-Sibt, 23 ta' Lulju, 2022 u l-Ħadd, 24 ta' Lulju, 2022.

It-tiġrijiet għandhom isiru mid-9.00 a.m. sas-6.00 p.m. (ħin lokali) fiż-żewġ ġranet.

Class races għandhom isiru fuq żewġ (2) korsijiet maġenb upwind / downwind, iċċentrati fiż-żona tat-tbaħħir magħżula skont id-direzzjoni prevalenti tar-riħ u l-kundizzjonijiet tat-temp. Ara ċ-ċart li turi ż-żoni A, B u C kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 114 of 2022

Open Water Swimming Event in Bajja tas-Salina – 20th July 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Birkirkara St. Joseph Sports Club will be organising an open water swimming event in Bajja tas-Salina.

The race will be held along the course A, B and C (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 56'.932	014° 25'.660
B	35° 57'.182	014° 25'.708
C	35° 57'.078	014° 25'.765

on Wednesday, 20th July, 2022, from 6.00 p.m. till 8.00 p.m.

A club RHIB "S16893" and a rescue vessel will be accompanying the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity, on the stipulated date and time. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Charts affected: BA 211B, 211A, 2537 and 2538

15th July, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 115 of 2022

Sailing Regatta in Il-Bajja ta' Marsaxlokk – July 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta would like to notify mariners that the Birżebbuġa Sailing Club shall be holding Regattas for dinghies on Saturday, 23rd July, 2022 and Sunday, 24th July, 2022.

Races shall be held from 9.00 a.m. till 6.00 p.m. (local time) on both days.

Class races shall be held over two (2) adjacent upwind / downwind courses, centred in the selected sailing area depending on the prevailing wind direction and weather conditions. See chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) showing areas A, B and C.

Il-korsijiet, li madwarhom il-kompetituri jkollhom ibaħħru, għandhom ikunu definiti b'marki oranġjo (waypoints) ta' madwar 1.5 metri għoli.

It-tiġrijiet se jsiru meta l-ebda traffiku ta' bastimenti merkantili ma jkun skedat li jidħol jew joħroġ mit-Terminals tal-Port Ħieles ta' Malta.

Il-kaptana ta' kull bastiment, mhux direttament involuti f'dawn is- Sailing Regattas, huma mitluba jżommu 'l bogħod miż-żona tat-tlielaq, speċjalment f'kull waħda mill-marki tat-tidwir. Il-baħħara kollha għandhom josservaw kull struzzjonijiet li jistgħu jingħataw minn uffiċjali fuq is-safety craft tal-Organizzaturi tat-Tlielaq u fuq VHF Channels 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS.

Ċarts effettwati: BA 36, 2538

Il-15 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 116 tal-2022

Wirja tal-Logħob tan-Nar minn Manoel Island waqt il-Kunċert ta' Joseph Calleja

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jittella logħob tan-nar minn Manoel Island nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022 waqt il-kunċert ta' Joseph Calleja.

Il-wirja se tkun iċċentrat fil-punt A u l-punt B (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.167	14° 30'.372
B	35° 54'.128	14° 30'.349

Il-wirja tal-logħob tan-nar se ssir mid-9.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu mill-inqas 30 metru bogħod mill-punt A u l-punt B fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull Persunal tal-Infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Il-15 ta' Lulju, 2022

The courses, around which the competitors shall have to sail, shall be defined by orange inflatable marks (waypoints) of about 1.5 meters in height.

Races will take place when no merchant vessel traffic is scheduled to enter or depart from the Malta Freeport Terminals.

Masters of all craft, not directly involved in this Sailing Regattas, are asked to keep clear of the racing area, especially at each of the turning marks. All mariners are to observe any instructions that may be given by personnel on the Race Organisers safety craft and on VHF Channels 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS.

Charts effected: BA 36, 2538

15th July, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 116 of 2022

Fireworks Display from Manoel Island during the Concert by Joseph Calleja

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a fireworks display will be let off from Manoel Island on Tuesday, 26th July, 2022 during the concert by Joseph Calleja.

The display will be centred at point A and point B (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.167	14° 30'.372
B	35° 54'.128	14° 30'.349

The fireworks display will take place from 9.00 p.m. till 11.00 p.m.

In view of the above, mariners are advised to keep at least 30 metres away from point A and point B on the above-mentioned date and time.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Chart affected: BA 177

15th July, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 117 tal-2022

Xogħol ta' Tħammil fil-Parti ta' Ġewwa tal-Port il-Kbir - 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru xogħlijiet ta' tħammil fil-parti ta' ġewwa tal-Port il-Kbir – Il-Belt Valletta.

Ix-xogħlijiet ta' tħammil se jsiru bl-użu tal-bastiment "Grane R" li se jkun ristrett fil-kapaċità li jimmanuvra u se jkun qed juri d-dwal u l-forom xierqa skont ir-Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS).

Ix-xogħlijiet ta' tħammil se jsiru bejn is-Sibt, 16 ta' Lulju, 2022 u t-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022, fl-oqsma li ġejjin:

Deep Water Quay (żona A)
Ras Ħanżir (żona B)
Bridge Wharf (żona C)
Fuel Wharf (żona D)
Coal Wharf (żona E),
Church Wharf (żona F)

Xogħol ta' tħammil ħdejn Southwest extension (żona G) se jsir bejn:

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022 u l-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, 2022

Nhar il-Ħamis, 1 ta' Settembru, 2022 u s-Sibt, 3 ta' Settembru, 2022

Nhar il--Ħadd 25 ta' Settembru 2022 u t-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2022.

Ix-xogħlijiet ta' tħammil se jsiru lejl u nhar.

F'konformità mal-operazzjoni tat-tħammil, numru ta' bastimenti se jkunu meħtieġa u jingħataw struzzjonijiet biex jiċċaqalqu. Iċ-ċaqliq tal-bastimenti u t-tħammil innifsu se jkunu kkordinati minn Valletta VTS, it-Traffic Management Unit (TMU) fi Transport Malta u l-kuntrattur fuq il-post.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqgħodu attenti ħafna, ibaħħru b'kawtela, u b'veloċità baxxa u jagħtu lill-bastiment "Grane R" irmiġġ wiesa' ta' mill-inqas 150m.

Istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwata: BA 177

Il-15 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 117 of 2022

Dredging Work in the Inner Part of the Grand Harbour - 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that dredging works will be carried out in the inner part of the Grand Harbour – Valletta.

The dredging works will be carried out using the vessel "Grane R" which will be restricted in her ability to manoeuvre and will be displaying the appropriate lights and shapes in compliance with the Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS).

Dredging works will be carried out between Saturday, 16th July, 2022 and Monday, 18th July, 2022, in the following areas:

Deep Water Quay (area A)
Ras Ħanżir (area B)
Bridge Wharf (area C)
Fuel Wharf (area D)
Coal Wharf (area E),
Church Wharf (area F)

Dredging work next to the Southwest extension (area G) will be carried out between:

On Monday, 8th August, 2022 and Wednesday, 10th August, 2022

On Thursday, 1st September, 2022 and Saturday, 3rd September, 2022

On Sunday, 25th September, 2022 and Monday, 26th September, 2022.

The dredging works will be carried out day and night.

In line with the dredging operation a number of vessels will be required and instructed to shift. The shifting of vessels and the dredging itself will be coordinated by Valletta VTS, the Traffic Management Unit (TMU) at Transport Malta and the contractor on site.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed and to give the above vessel "Grane R" a wide berth of at least 150m.

Instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Chart affected: BA 177

15th July, 2022

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jilqa' applikazzjonijiet għall-post t'Assistant Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati iridu jkunu temmew b'suċċess kors t' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju t'Assistant Manager (Riżorsi Umani) huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2022 huwa ta' €20,616 fis-sena, li jiżdied b'€375.17 fis-sena sa massimu ta' €22,867.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11 titla' għal Skala 10, li fis-sena 2022 hija ekwivalenti għal €21,950 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €407.67 sa massimu ta' €24,396 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.6 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2)

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Post of Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade invites applications for the post of Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Human Resources) is Salary Scale 11, which in the year 2022 is equivalent to, €20,616 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €22,867.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 11 will progress to Scale 10, which in the year 2022 is equivalent to €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396, on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.5 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.6 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before

qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, soġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. Uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tar-Riżorsi Umani, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) jinkludu li:

i. Jikkompila l-informazzjoni kollha mitluba meħtieġa għall-ippjanar effettiv tal-HR, il-ġbir tad-data kif dirett mill-Maniġment Superjuri;

ii. Iżomm kif iggwidat is-sistemi ta' preżentata meħtieġa fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati tar-Riżorsi Umani;

iii. Jappoġġja l-ġbir tad-data u r-rekords tar-Riżorsi Umani billi jżomm sistema ta' preżentata u ta' rkupru u jżomm rekords tal-passat u attwali, li għandha tiġi allinjata mas-sistema ċentrali ta' DAKAR kif meħtieġ;

iv. Jappoġġja kif meħtieġ, biex jara li kwistjonijiet relatati mal-politiki, il-programmi u l-prattiki tar-riżorsi umani huma konformi mal-politiki ċentrali;

v. Jassisti fil-kontrolli regolari ta' konformità li jiżguraw li l-politiki stabbiliti jkunu qed jiġu osservati, u jassisti fil-kumpilazzjoni tar-rapporti dwar miżuri korrettivi meħtieġa mill-maniġment superjuri u l-partijiet involuti;

vi. Jikkontribwixxi kif meħtieġ fir-rigward ta' sejħiet għall-pubblikazzjoni li jsegwu l-mudelli rispettivi u jappoġġja l-monitoraġġ tat-tħejjija ta' tali sejħiet;

vii. Jappoġġja l-għoti ta' kwalunkwe data meħtieġa f'każ ta' negozjati mat-trade unions;

viii. Jikkollabora mal-IPS fir-rigward tad-data tal-impjegati li jeħtieġu induzzjoni;

applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in Human Resources, in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Human Resources) include:

i. Compiles all requested information required for effective HR planning, data collation as directed by senior management;

ii. Maintains as guided the necessary filing systems in respect of all related Human Resources matters;

iii. Supports in the collations of data and human resource records by maintaining a filing and retrieval system and keeping past and current records, which is to be aligned to the Central DAKAR system as required;

iv. Supports as required, in overseeing that matters related to human resources policies, programmes and practices are compliant with central policies;

v. Assists in the regular compliance checks that ensure that established policies are being adhered to, and supports with the compilation of reports on corrective measures required by senior management and parties involved;

vi. Contributes as necessary with respect to calls for publication which follow the respective templates and supports with monitoring the preparation of such calls;

vii. Supports with providing any required data in case of negotiations with trade unions;

viii. Liaises with the IPS in relation to data of employees who require induction;

ix. Ixerred informazzjoni u aġġornamenti dwar l-amministrazzjoni pubblika kif meħtieġ;

x. Jipparteċipa fil-funzjonijiet operattivi fir-rigward tar-resourcing, prinċipalment fl-aġġornament ta' informazzjoni relatata mad-deskrizzjonijiet tal-impjieg għall-karigi/pożizzjonijiet kollha;

xi. Jappoġġja u jipparteċipa b'mod attiv fil-forniment ta' servizz ta' eċċellenza lill-klijenti u jippromovi l-kultura ta' eċċellenza b'mod partikolari l-ethos tas-Servizz Pubbliku;

xii. Iwettaq dmirijiet oħra kif assenjati mill-Maniġment Superjuri minn żmien għal żmien;

xiii. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

L-oġġettivi tal-post huma li jappoġġjaw il-funzjonijiet kollha tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani inkluż l-ippjanar tar-Riżorsi Umani, konformità tal-proċessi delegati u mmaniġġjar ta' ġestjoni tar-rekords/data/statistika aġġornati tal-impjegati li fuqhom jittieħdu d-deċiżjonijiet strateġiċi tar-Riżorsi Umani. Dan l-irwol huwa kumplimentari għal dak ta' People Management.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta ; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma'

ix. Disseminates information and updates on the public administration as required;

x. Participates in the operational functions in relation to resourcing mainly in the updating of information related to job descriptions for all posts/positions;

xi. Supports and actively participates in the provision of a service of excellence to clients and promotes culture of excellence particularly ethos of the Public Service;

xii. Carrying out any other duties as assigned by Senior Management team from time to time;

xiii. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

The objectives of the post are to support all Human Resources Management functions including HR planning, compliance of delegated processes and the management of updated employees records/data/statistic upon which Strategic Human Resource Management decisions are taken. This role is complementary to that of People Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty

persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materjal.

ii. kapaċi jikkomunikaw/ikunu profiċjenti fil-Malti u fl-Ingliż;

iii. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*)fil-Work and Human Resources Management jew Training and Development jew Public Administration jew Public Management jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Organisational Behaviour jew Management and Leadership jew Strategy jew Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning jew Business Administration.

*Kwalifiki rikonuxxuta b'minimu ta' 60 ECTS/ECVET kretti, kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in/proficient in the Maltese and English Languages;

iii. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Administration or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy or Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Business Administration.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognistion statement being submitted with the application.

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-dat tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (a) sa 4.1 (c) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibgħatu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2022. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (a) to 4.1 (c) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progress entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 4.1 (iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their

tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 120.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Intern, Sigurtà, Riformi u Ugwaljanza, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Human Resources, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality, through the Online Government Recruitment Portal only on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 29th July, 2022. A computer-generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;

eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Intern, Sigurtà, Riformi u Ugwaljanza, 201, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tal-Ministeru huma (www.homeaffairs.gov.mt) u (recruitment.mhsr@gov.mt).

Il-15 ta' Lulju, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess għal Servizzi ta' Assistenti għall-Programmi ta' Qari għall-Gost

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Assistenti għall-Programmi ta' Qari għall-Gost għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu, 2022 u l-31 ta' Lulju 2023, sabiex jesprimu l-interess tagħhom fil-proviżjoni ta' dan is-servizz. Is-servizz jingħata fuq bażi ta' kuntratt għal servizz ta' massimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa. Is-servizz jitħallas bir-rata ta' €7.07 fis-siegħa, inkluż il-VAT, jekk applikabbli.

Is-servizz tal-Assistenti għall-Programmi ta' Qari għall-Gost jinkludi:

1. L-ippjanar u l-preparazzjoni ta' sessjonijiet ta' qari/rakkontar ta' stejjer, bl-użu ta' riżorsi multi-sensorjali adegwati.

2. L-għoti ta' sessjonijiet ta' qari/rakkontar ta' stejjer li jkunu ta' livell għoli ta' kwalità u li jindirizzaw lill-udjenza li tikkonsisti kemm mit-tfal kif ukoll mill-ġenituri/kustodji tagħhom.

3. It-turija ta' mudell xieraq lill-ġenituri/kustodji ta' kif huma wkoll jaqraw u jirrakkontaw l-istejjer lit-tfal meta jmorru lura d-dar.

4. Il-promozzjoni tas-self u l-qari ta' kotba mil-libreriji tal-klassi, tal-iskola u dawk pubbliċi.

medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Resources Section, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality, 201, Triq id-Dejqa, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (www.homeaffairs.gov.mt) and (recruitment.mhsr@gov.mt).

15th July, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for the Services of Reading for Pleasure Programmes Assistants

The National Literacy Agency invites eligible candidates who would like to offer their services as Reading for Pleasure Programmes Assistant for the period between 1st August 2022 and 31st July 2023, to express their interest to provide such service. The service is being request on a contract for service basis of up to 10 hours of service per week. Service is remunerated at €7.07 per hour, inclusive of VAT, if applicable.

The service of Reading for Pleasure Programmes Assistant includes:

1. Planning and preparing reading/storytelling sessions with the use of appropriate multi-sensory resources.

2. Delivering high-quality reading/storytelling sessions to targeted audience namely children and their parents/caregivers.

3. Providing a positive model for parents/caregivers and empower them to carry out reading/ storytelling sessions with their children at home.

4. Promoting the borrowing and reading of books from classroom, public and school libraries.

5. Xogħol fuq inizjattiva individwali u xogħol f'tim ma' ħaddieħor.

Biex ikunu eliġibbli jipprovdi s-servizz, il-kandidati irid ikollhom aktar minn 18-il sena u sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa jissodisfaw dawn il-kriterji:

1. Ċertifikat validu maħruġ mill-pulizija li juri kondotta nadifa; U

2. Evidenza ta' tkomplija b'suċċess ta' taħriġ fil-qari quddiem udjenza (read aloud) u/jew l-irrakkontar tal-istejjer, jew komparabbli; * U

3. Wieħed minn dawn, jew ekwivalenti, jew ogħla:

a. Tal-anqas livell ta' edukazzjoni fil-Livell 3 tal-MQF, inkluż ċertifikat taċ-ĊES (Grad 1-5) jew tal-GCE (Grad A-C) fil-Malti u fl-Ingliż JEW

b. MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development JEW

c. BTEC National Diploma in Children's Care, Learning and Development JEW

d. Tal-anqas sentejn** bħala Kindergarten Educator JEW Learning Support Educator JEW Għalliem JEW

e .Tal-anqas tliet snin ta' servizz sodisfaċenti fl-assistenza ta' programmi ta' qari għall-gost u inizjattivi oħra organizzati mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

*Applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-eliġibilità ħlief kriterju numru (2), ikunu kkunsidrati biss jekk jikkommettu ruħhom li jirċievu t-taħriġ meħtieġ.

** Esperjenza fi gradi Supply hija aċċettata.

L-applikanti se jintalbu jattendu intervista.

Il-kandidati għandhom jissottomettu l-espressjoni ta' interess, flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati relevanti tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta reġistrat jew bl-idejn lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022, f'nofsinhar.

Għal diffikultajiet wieħed jista' jibgħat ittra elettronika fuq (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew iċempel fuq 25983325.

Il-15 ta' Lulju, 2022

5. Working on own initiative and engaging in teamwork.

To be considered eligible to provide the service, candidates need to be over 18 years of age and fulfil the following criteria by the closing date of this call:

1. Clean valid police conduct certificate; AND

2. Evidence of successful completion of training in read aloud and/or storytelling methodology or comparable; * AND

3. Any of the following or equivalent or higher:

a. At least MQF Level 3 of education, including passes in Maltese and English (SEC 1-5 or GCE A-*C)* OR

b. MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development OR

c. BTEC National Diploma in Children's Care, Learning and Development OR

d. At least two years** as Kindergarten Educator OR Learning Support Educator OR Teacher OR

e. At least three years of prior satisfactory service of supporting Reading for Pleasure programmes and initiatives organised by the National Literacy Agency.

*Applicants who satisfy all eligibility criteria except for (2) above, will be considered subject to their commitment to receive the required training.

** Experience in Supply grades is acceptable.

Applicants will be required to sit for an interview.

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304 by not later than Friday, 29th July, 2022, at noon.

For queries, one should send an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or call 25983325.

15th July, 2022

MINSTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Notifika ta' Rtirar– Post ta'project Officer (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Is-Segretarju Permanenti, Minsteru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali jgħarraf illi s-sejħa għall-post ta' Project Officer (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 20,885 fl-1 ta' Lulju, 2022, qed tiġi rtirata permezz ta' dan l-avviż.

Il-15 ta' Lulju, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Withdrawal – Post of Project Officer (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights notifies that the call for the post of Project Officer (Paying Agency) in the Ministry of Agriculture, Fisheries and Animal Rights published in Government Gazette Number 20,885 of the 1st July, 2022, is being withdrawn by virtue of this notice.

15th July, 2022

AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) approvat u aċċettat dan l-iStandard Malti li ġej li issa għanu status ta' Standard Nazzjonali mid-data ta' din il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Gvern.

Dettalji ta' dawn l-istandards jistgħu jinkisbu minn:

(standards@mccaa.org.mt)

Dawn l-i*standards* jistgħu jinkisbu mingħand l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Il-Ħamrun HMR 9010, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, *Website*: (http://www.mccaa.org.mt).

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

In exercise of the powers conferred by article 22 of the Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act (Cap. 510), the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) has approved and endorsed the following Maltese Standard which now has the status of a National Standard as from the date of this Government official publication.

Details of these standards can be obtained from:

(standards@mccaa.org.mt)

These standards are available from the Malta Competition and Consumer Affairs Authority, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun, HMR 9010, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, Website: (http://www.mccaa.org.mt).

SM EN 589:2018+A1:2022 'Automotive fuels - LPG - Requirements and test methods

Il-15 ta' Lulju, 2022

AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Abbozz ta' Standard Malti għall-Kummenti tal-Pubbliku

Abbozz ta' Standard DSM 820 "Classification of Construction, Demolition and Excavation Waste" ġie ppreparat mill-Kumitat Tekniku TC 800 Waste u jista' jinkiseb minn:

L-Istitut tal-Istandards u Metroloġija
Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur

15th July, 2022

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Draft Maltese Standard for Public Comment

Draft standard DSM 820 "Classification of Construction, Demolition and Excavation Waste" has been prepared by Technical Committee TC 800 Waste and is available from:

Standards and Metrology Institute
Malta Competition and Consumer Affairs Authority

Mizzi House, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2395 2000
Fax: 2124 2406
Indirizz elettroniku: (standards@mccaa.org.mt)
website: (www.mccaa.org.mt)

Kummenti jintlaqgħu sal-31 ta' Awwissu, 2022, biex ikunu kkunsidrati mill-Kumitat Tekniku msemmi hawn fuq. L-Abbozz ta' Standard jista' jkun modifikat qabel ma jinħareġ bħala Standard Malti.

Il-15 ta' Lulju, 2022

AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Abbozz ta' Standard Malti għall-Kummenti tal-Pubbliku

Abbozz ta' Standard DSM 810 "Recycling-oriented Deconstruction and Controlled Excavation Work" ġie ppreparat mill-Kumitat Tekniku TC 800 Waste u jista' jinkiseb minn:

L-Istitut tal-Istandards u Metroloġija
Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur
Mizzi House, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2395 2000
Fax: 2124 2406
Indirizz elettroniku: (standards@mccaa.org.mt)
website: www.mccaa.org.mt

Kummenti jintlaqgħu sal-31 ta' Awwissu, 2022, biex ikunu kkunsidrati mill-Kumitat Tekniku msemmi hawn fuq. L-Abbozz ta' Standard jista' jkun modifikat qabel ma jinħareġ bħala Standard Malti.

Il-15 ta' Lulju, 2022

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi 2018. Għaldaqstant se jsir stħarriġ permezz ta' droni f'dawn il-lokalità kif indikat fid-dati rispettivi:

Ħal Għargħur – mit-18 ta' Lulju sal-31 ta' Awissu, 2022

Aktar tagħrif jista' jintalab permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Il-15 ta' Lulju, 2022

Mizzi House, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2395 2000
Fax: 2124 2406
Email: (standards@mccaa.org.mt)
website: (www.mccaa.org.mt)

Comments are welcome up to 31st August, 2022, to be considered by the abovementioned Technical Committee. The Draft Standard may be modified before being issued as a Maltese Standard.

15th July, 2022

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Draft Maltese Standard for Public Comment

Draft standard DSM 810 "Recycling-oriented Deconstruction and Controlled Excavation Work" has been prepared by Technical Committee TC 800 Waste and is available from:

Standards and Metrology Institute
Malta Competition and Consumer Affairs Authority
Mizzi House, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2395 2000
Fax: 2124 2406
Email: (standards@mccaa.org.mt)
website: www.mccaa.org.mt

Comments are welcome up to 31st August, 2022, to be considered by the abovementioned Technical Committee. The Draft Standard may be modified before being issued as a Maltese Standard.

15th July, 2022

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Ħal Għargħur – 18th July till 31st August, 2022

Any queries should be directed to the following email address (geomatics@pa.org.mt).

15th July, 2022

AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED

Lista ta' kwotazzjonijiet, direct orders u varjazzjonijiet mogħtija mill-Automated Revenue Management Services Limited matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2022 sat-30 ta' Ġunju, 2022, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi u skont struzzjonijiet maħruġa b'Ċirkulari tal-MFEI 11/2011 tal-11 ta' Ottubru, 2011.

AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED

List of quotations, direct orders and variations awarded by Automated Revenue Management Services Limited during the period from 1st January, 2022, to 30th June, 2022, in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations and in accordance with MFEI Circular 11/2011 dated 11th October, 2011.

Il-15 ta' Lulju, 2022

15th July, 2022

Kwotazzjonijiet
Quotations

Nru.	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni	Isem tal-Kwotazzjoni/Suġġett tal-Kwotazzjoni	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Quotation Reference Number*	*Quotation Name/Subject of Quotation*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	ARMS/CFQ/04/2021	Call for Quotes for the supply and delivery of interfold flushable hand towels, kitchen rolls and hand soap including relevant dispensers.	04/01/2022	Hotel Line Ltd	Estimated Value 6,325.92, Total value of Agreement 10,000
2	ARMS/CFQ05/2021	Call for Quotations for the Supply and Delivery of ARMS Ltd Customer Care related Forms printed on Environmentally Friendly paper	18/01/2022	Tik Communicaitions	6,485.00
3	ARMS/Q/03/2022	Call for Quotations for the Provision of Qualified Electrician Services to ARMS Ltd	17/03/2022	Russlan Cilia	10,000

ARMS LTD PPR Direct Orders Applikabbli
ARMS LTD Applicable PPR Direct Orders

Nru.	Nru ta' Referenza tad-Direct Order	Isem id-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order	Data tal-Approvazzjoni	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference No.*	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	DO-002-2022	Request for Direct Order Advertising Agreement between Kenneth Mizzi and ARMS Ltd	28/01/2022	Kenneth Mizzi	DO-001-2022
2	DO-006-2022	Request Direct Order for the lease of Premise as Store	28/01/2022	Ta' Maggi Premises	9,125
3	DO-001-2022	Request for Direct Order Advertising Street Media Ltd	08/02/2022	Street Media Ltd	10,000.00

Nru.	Nru ta' Referenza tad-Direct Order	Isem id-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order	Data tal-Approvazzjoni	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference No.*	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
4	DO-008-2022	Printing of Utility Papers	15/02/2022	Velprint	33,330.00
5	DO-010-2022	Request Direct Order for Medical Services	25/02/2022	Medicare	Cancelled
6	DO-013-2022	Supply and Delivery of (10) Energy Efficient Laptops for ARMS Ltd	05/05/2022	The Notebook Centre	5,400
7	DO-011-2022	Request Direct Order for an independent review of the changes in the electricity and water billing mechanism for residential and domestic accounts	10/05/2022	RSM	7,850.00
8	DO-014-2022	Request for Direct Order - Redorange Ltd	Pending	Red Orange Ltd	6,036.50
9	DO-015-2022	Request Direct Order for the Printing of Bill paper Precautionary Measure	14/06/2022	Velprint	5,555
10	DO/016/2022	Request Direct Order- Setup Service required for ARMS Billing Campaign Press Conference	Pending	MAD Promotions	5,055

Modifikazzjonijiet/*Modifications*

Nru.	Numru ta' Referenza tal-Kuntratt	Isem id-Kuntrattur/Suġġett tal-Kuntrattur	Data tal-Approvazzjoni	Valur tal-Modifikazzjoni	Isem tal-Kuntrattur
No.	*Contract Reference Number*	*Contract Name/Subject of Contract*	*Approval Date*	*Modification Value*	*Contractor's Name*
1		Request for Modification of Tender for the Provision of Environmentally Friendly Cleaning Services to ARMS Ltd	14/04/2022	14,420.00	Bezzina Refuse Collection (Alistair Bezzina)

Proċeduri Negozjati/*Negotiated Procedures*

Nru.	Numru ta' Referenza tal-Kuntratt	Isem id-Kuntrattur/Suġġett tal-Kuntrattur	Data tal-Approvazzjoni	Valur tal-Proċedura Negozjata	Isem tal-Kuntrattur
No.	*Contract Reference Number*	*Contract Name/Subject of Contract*	*Approval Date*	*Negotiated Procedure Value*	*Contractor's Name*
1		Negotiated Procedure for Call Centre Services to ARMS Ltd	15/02/2022	1,632,604.80	Centrecom

Mhux Applikabbli għar-Riklamar tal-PPR
Non-Applicable to PPR Advertising

Nru. *No.*	Ref. Nru. tad-Direct Order *Direct Order Ref. No.*	Isem id-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	DO-019-2022	Request for Direct Order for the Advertising with Public Broadcasting Services (PBS)- Shark Tank	28/06/2022	Public Boradcasting Services Ltd	10,000

Mhux Applikabbli għal PPR (Konsulenza Legali)
Non-Applicable to PPR - (Legal Consultancy)

Nru. *No.*	Ref. Nru. tad-Direct Order *Direct Order Ref. No.*	Isem id-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	DO/003/2022	Provision of Legal Consultancy Service	18th January 2022	Dr Joey Reno Vella	10,000
2	DO/004/2022	Provision of Legal Consultancy Services and DPO Services to ARMS Ltd	3rd March 2022	Dr Kristina Camilleri Deguara	20,000
3	DO/005/2022	Provision of Legal Consultancy Service	18th January 2022	360 Legal	10,000
4	DO/007/2022	Provision of Legal Consultancy Services to ARMS Ltd	14th January 2022	Dr Luciano Busuttil	10,000
5	Do/009/2022	Provision of Legal Consultancy Services to ARMS Ltd	1st February 2022	Dr Dennis Zammit	10,000
6	DO/012/2022	Provision of Legal Consultancy Services to ARMS Ltd	28th April 2022	Dr Michele Cardinali	10,000

L-AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA

Lista ta' offerti u direct orders mogħtija mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2021 u l-31 ta' Diċembru, 2021, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03.

Il-15 ta' Lulju, 2022

ENERGY AND WATER AGENCY

List of tender contracts, quotation contracts and direct contracts awarded by the Energy and Water Agency during the period between 1st July, 2021, and 31st December, 2021, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

15th July, 2022

Offerti/*Tenders*

Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Title / Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
EWA/DT/304/2020	Provision of task management services - Energy and Water Agency	12/07/2021	YAMA YAMI Ltd	22,880.00

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Contract Reference Number*	Titlu tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
EWA/Q3/130/2021	Provision of edicator services - Energy and Water Agency	10/09/2021	Clinton Cassar	5,700.00
EWA/Q3/228/2021	Provison of external expertise for the management of the 3rd and 4th regional and national stakeholder meetings under the nawamed project a_b4.1_0290 - Energy and Water Agency	05/10/2021	Tuning Fork Advisory Ltd.	6,240.00
EWA/Q3/305/2020	Provision of technical services - Energy and Water Agency	28/10/2021	Ing Paul Vassallo	8,685.00
EWA/Q3/385/2021	Consultancy services for the organisation of 4 stakeholders working group meetings as part of the incircle project - Energy and Water Agency	14/12/2021	Centro EuroMediterraneo per lo Sviluppo Sostenibile Svi. Med. ETS	6,660.00
EWA/Q3/378/2021	External expertise for the drafting of an integrated territorial transition strategy - in a move towards sustainable, circular tourism as part of the incircle project - Energy and Water Agency	14/01/2021	Centro EuroMediterraneo per lo Sviluppo Sostenibile Svi. Med. ETS	8,800.00

Direct Contracts

Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
EWA/DO3/149/21	Provision of an attendant for Għajn centre	19/07/2021	MCSI LTD	6,386.40
EWA/DOD/186/21	Procurement of mount sopris downhole probbing camera	10/08/2021	Advanced Logic Technology	26,324.00
EWA/DO3/317/21	4 Core sql server	27/09/2021	Netsys	8,956.20
EWA/DO3/254/21	Bgs core logging - procurement of pallet cages for core store	25/10/2021	KAISER + KRAFT srl	9,915.84
EWA/DOD/320/21	Design and development of a schemes administration system plus one year contract	01/11/2021	Darttek Limited	45,793.86
EWA/DO3/424/21	Inbo conference - interpretation services	05/11/2021	AQ Advisory Ltd	5,390.00
EWA/DO3/426/21	Inbo conference - audio visual equipment	05/11/2021	Genaudio Ltd	9,980.00
EWA/DO2/440/21	Environmental monitor for pumping of water from Chadwick lakes	10/11/2021	En-Sure Ltd	9,500.00
EWA/DO3/154/21	Leasing of premises for the storage of geological cores under the cf.Pa.10.0096 Project	10/11/2021	J.Lautier Co Ltd	7,300.00
EWA/DO3/428/21	Evening dinner 9th december 2021 inbo conference	11/11/2021	Corinthia St.George's Bay	5,743.00
EWA/DO3/475/21	Investigations chadwick lakes	16/11/2021	MERE Associates & Consultancy	8,975.00
EWA/DO3/468/21	Booking of additional rooms in relation to the 4th Mediterranean water forum	18/11/2021	SALINI RESORT	7,000.00
EWA/DO3/372/21	Conference 9th-10th December 2021	01/12/2021	3sixtymeetungs	9,685.00
EWA/DO3/542/21	Re-evaluation of R&I project proposals - 2021	22/12/2021	RSM Malta	5,175.00

ATT TAL-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Regolamenti tal-2004 Dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Appelli

Nominazzjoni ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Appelli, illi n-nominazzjonijiet ta' kandidat biex timtela vakanza mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill Mediku bħala membru fuq il-Kumitat ta' Appelli, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 49(1)(e)(i) tal-Att tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap 464), se jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku fl-Uffiċċju, fi Sptar San Luqa, 'Outpatient's Department', fl-ewwel sular, fi Pjazza San Luqa, Gwardamanġa, PTA 1010, nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022 mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m., u nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Il-formoli tan-nominazzjonijiet għal kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Mediku, mill-uffiċċju ta' Amministratur Mediku fl-isptar Ġeneral ta' Għawdex jew minn fuq: (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/councelec.aspx).

Dr George Depasquale MD
Prof. David C. Mamo MD, FRCP, DAPN
Prof. John M. Portelli BChD, MDS, FDS, RCS
Kummissjoni għall-Elezzjonijiet tal-Kunsill Mediku

Il-15 ta' Lulju, 2022

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT, 2003
(CAP. 464)

Appeals Committee (Elections) Regulations 2004

Nomination of Candidates

It is hereby notified in pursuance of the aforementioned provisions of the Appeals Committee (Elections) Regulation 2004, that the nomination of one professional regulated by the Medical Council to sit on the Appeals Committee in accordance with the provisions of Article 49(1)(e)(i) of the Health Care Professions Act, 2003 (Cap 464), will be received by the Registrar of the Medical Council at the Medical Council's office, St Luke's Hospital, Outpatient's Department, Level 1, St Luke's Square, Gwardamanġa, on Thursday, 11th August, 2022 from 8.00 a.m. till 2.00 p.m., and on Friday, 12th August, 2022 from 8.00 a.m. till noon.

Nomination forms for candidates may be obtained from the Medical Council's office, from the Medical Administrator's office, Gozo General Hospital, or from: (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/councelec.aspx).

Dr George Depasquale MD
Prof. David C. Mamo MD, FRCP, DAPN
Prof. John M. Portelli BChD, MDS, FDS, RCS
Medical Council – Elections Commission

15th July, 2022

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa tal-5.1% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022

Skont u għall-finijiet ta' paragrafu 6 tal-Avviż Legali numru 373 tat-30 ta' Lulju 2004 u paragrafu 6 tal-Avviż Legali numru 460 tat-2 ta' Novembru 2004 it-Teżor javża li l-5.1% Stock tal-Gvern ta' Malta 2022 kollu li għandu valur nominali ta' €71,047,725 ser jinfeda b'parità fis-16 ta' Awwissu, 2022.

L-aħħar ħlas tal-imgħax dovut għall-perjodu bejn is-16 ta' Frar, 2022 u l-15 ta' Awwissu, 2022 (iż-żewġ dati nklużi) ser isir fid-data tal-fidwa tal-iStock nhar is-16 ta' Awwissu , 2022 bir-rata ta' 2.55% lill-persuni kollha li fil-25 ta' Lulju 2022 ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Il-kapital ser jitħallas lura fis-16 ta' Awwissu, 2022 lill-persuni kollha li fil-25 ta' Lulju, 2022 ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Il-15 ta' Lulju, 2022

TREASURY NOTICE

Redemption of the 5.1% Malta Government Stock 2022

Pursuant to and for the purpose of paragraph 6 of Legal Notice No. 373 of the 30th July 2004 and paragraph 6 of Legal Notice No. 460 of the 2nd November 2004, the Treasury hereby gives notice that all of the 5.1% Malta Government Stock 2022 that is, €71,047,725 nominal will be redeemed at par on 16th August, 2022.

The final interest payment covering the period from the 16th day of February, 2022 to the 15th day of August, 2022 (both days inclusive) will be payable on 16th August, 2022 at the rate of 2.55% to the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 25th July, 2022.

The principal will be repaid on the 16th August, 2022 to the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 25th July, 2022.

15th July, 2022

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li nhar it-Tlieta, 17 ta' Awwissu, 2022 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl ħadd ma jista' jgħaddi u jipparkja minn Triq Fleur de Lys, Triq il-Wied, Triq il-Kbira, Triq Santa Liena u Pjazza Santa Liena.

Il-15 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li nhar il-Ħamis, 18 ta' Awwissu, 2022 u nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu, 2022 Triq il-Kbira Ħas-Sajjied se tkun magħluq għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja mis-6.00 a.m. sa nofsinhar.

Il-15 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf lill-pubbliku li ħadd ma jista' jipparkja fi Triq San Franġisk sal-kantuniera ma' Triq it-Torri, parti t'isfel ta' Triq il-Parroċċa, kif ukoll Triq il-Paċi se jkunu magħluqa għall-vetturi privati nhar is-Sibt, 16 ta' Lulju, 2022 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 17 ta' Lulju, 2022.

Il-15 ta' Lulju, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar is-Sibt, 16 ta' Lulju, 2022, mill-4.30 p.m. sa nofsillejl, Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb, Triq il-Kbira u Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijiet.

Il-15 ta' Lulju, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorita' tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10:00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 4 ta'Awwissu, 2022.

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that on Tuesday, 17th August, 2022 from 8.00 p.m. till midnight the following streets will be closed and no parking is allowed in Triq Fleur de Lys, Triq il-Wied, Triq il-Kbira, Triq Santa Liena and Pjazza Santa Liena.

15th July, 2022

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that on Thursday, 18th August, 2022 and on Friday, 19th August, 2022, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied will be closed and no parking is allowed from 6.00 a.m. till noon.

15th July, 2022

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffiku and Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that Triq San Franġisk with Triq it-Torri, lower part of Triq il-Parroċċa and Triq il-Paċi will be closed for vehicular traffic on Saturday, 16th July, 2022 from 4.00 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 17th July, 2022 and parking will not be allowed.

15th July, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Saturday, 16th July 2022, from 4.30 p.m. and midnight, Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb, Triq il-Kbira and Triq San Nikola will be closed to traffic. Vehicles are not allowed to park in Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja during these times.

15th July, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 4th August, 2022.

*Avviż Nru. 73 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Sit tale quale fi Ġnien Ħal Dwieli, Triq Dun Karm Psaila, Sqaq Nru. 4, Ħaż-Żebbuġ kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra "A" fuq il-pjanta P.D.2013_331_A. Din il-proprjetà trid tintuża biss għal skopijiet ta' ġnien. Dan is-sit huwa mdawwar minn propjetajiet ta' terzi (landlocked) Is-Sit immarkat bl-ittra "B" mhuwiex inkluż ma' din l-offerta. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,077 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€358.89) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 73. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale at Ġnien Ħal Dwieli, Triq Dun Karm Psaila, Sqaq No. 4, Żebbuġ, as shown edged in red and marked letter "A" on the plan P.D.2013_331_A. This property is to be used only for gardening purposes. This site is landlocked. The site marked with letter "B" is not included with this tender. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,077 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and fifty-eight Euros and eighty-nine cents (€358.89) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 74 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Sit tale quale fuq in-naħa ta' wara tal-Fond f'Nru. 90, Tamarisk, Triq il-Friefet, Marsaskala kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0311. Dan is-sit mhuwiex aċċessibli mit-triq. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro (€259) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 74. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale at the back of the Premises at No. 90, Tamarisk, Triq il-Friefet, Marsascala, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0311. This site is not accessible from the street. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two hundred and fifty-nine Euros (€259) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 75 Bejgħ tale quale ta' Sit biex jintuża biss għal skopijiet ta' ġnien u jinsab adjaċenti mal-Fond f'Nru. 36, Triq ix-Xini, Marsaxlokk kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2020_0334. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,012 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsin elf u mija u erbgħa u għoxrin ewro (€50,124) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 75. Sale tale quale of a Site to be used only for gardening purposes, adjacent to the Premises at No. 36, Triq ix-Xini, Marsaxlokk shown edged in red on plan P.D. 2020_0334. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,012 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty thousand and one hundred and twenty-four Euros (€50,124) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Avviż Nru. 76 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Sit tale quale fi Plot Nru. 7, Dawret il-Gudja kantuniera ma' Triq Dun Pietru Farrugia, Il-Gudja kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2010_706_A. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont

*Advt No. 76. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Site tale quale at Plot No. 7, Dawret il-Gudja cornering with Triq Dun Pietru Farrugia, Gudja, as shown edged in red on the plan P.D.2010_706_A. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteusis conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of

ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' dsatax-il elf u sitt mija u tmenin ewro (€19,680) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 77 Kiri għal skopijiet kummerċjali għal perjodu ta' ħmistax (15)-il sena ta' ħanut tale quale f'Nru. 151, Triq L-Ifran, Il-Belt Valletta kif muri fuq il-pjanta P.D.68_90_A. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €29,325 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disat elef u seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€9,775) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 78 Kiri għal skopijiet mhux residenzjali tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija għall-perjodu ħmistax(15)-il sena ta' żewġt (2) ikmamar f'Nru. 20, Sur San Ġwann, Bormla muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2020_0459. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €4,350 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u erba' mija u ħamsin ewro (€1,450) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Il-15 ta' Lulju, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF Canteen 2021/22 quotation two Canteen Computer

€50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nineteen thousand and six hundred and eighty Euros (€19,680) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advt No. 77. Lease for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a Shop tale quale at No. 151, Triq L-Ifran, Valletta as shown on the plan P.D.68_90_A. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €29,325 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine thousand and seven hundred and seventy-five Euros (€9,775) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advt No. 78. Lease for non-residential purposes tale quale in its present state including any latent defects for a period of fifteen (15) years of two (2) rooms at No. 20, Sur San Gwann, Bormla shown edged in red on plan P.D.2020_0459. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €4,350 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and four hundred and fifty Euros (€1,450) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advertisements appearing for the first time

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

15th July, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers marked 'SMARSF Canteen 2021/22 quotation two Canteen Computer Stations'

Stations' jintlaqgħu f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, 30 ta' Lulju, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF Canteen 2021/22. Żewġ Canteen Computer Stations.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Dawk interessati jistgħu jattendu għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF-IP CCTV (green rm) 2022 quotation for the supply of IP CCTV cameras' jiġu milqugħa f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-IP CCTV (Green Rm) 2022. Provvista ta' IP CCTV cameras.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju: mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Il-15 ta' Lulju, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess għal servizzi ta' appoġġ għall-Kummissjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

will be received at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Thursday, 30th July, 2022, for:

Quot. No. SMARSF Canteen 2021/22. Two Canteen Computer Stations.

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. till 12.30 p.m., or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) attention Ms Colombia Cefai.

